MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-27 ta' Ġunju, 2003

Numru 550/2003

Il-Pulizija
(Sp Yvette Farrugia)
vs
Duane Carabott, iben George,
imwieled Pieta' fl-14 ta'
ottubru, 1984
u
Etienne Buttigieg, iben Joseph,
imwieled Pieta' fil-15 ta'
settembru, 1986

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-25 ta' ġunju, 2003 għal ħabta tal-10.00 p.m. minn ġewwa l-ground tal-football ta' Santa Lucia kkomettew serq ta' żewġ basktijiet, mobile phone tal-marka Siemens M50 bis-sim card b'kollox, mobile phone tal-marka Panasonic picture bis-sim card b'kollox u tlett wallets li għandhom valur globali ta' Lm440, credit card,

Lm27 fi flus u 80 Swedish Crowns, liema serq hu aggravat bil-ħin u bil-valur;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, ndaħlu biex ibiegħhom jew imexxuhom għad-dannu ta' Benajim Erickson, Felix Grondahl u Davide Basile;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' ġunju, 2003 fejn l-imputati ammettew l-ewwel akkuża miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tat-tieni akkuża miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkuża. Issibhom ħatja tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 261(ċ)(f), 267, 270, 279 u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali. Rat li ż-żewġ imputati huma ta' eta' żgħira, ikkolaboraw mal-pulizija u dieħlin jagħmlu programm residenzjali għar-riabilitazzjoni kontra l-vizzju tad-droga. Ma tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------